**PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**ILLUM 2 T’APRIL 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 66/2012 AF**

**Espedito u Rose konjuġi Sammut**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru bħala Kap tal-Gvern ta’ Malta**
**u**
**L-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista’ jkollu**

**Fil-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2013, il-Qorti ordnat li jissejħu fil-kawża ‘Transport Malta’ u l-‘Kummissarju tal-Artijiet’**

**Fil-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2014, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li jissejjaħ fil-kawża ċ-Chairman tal-Awtorita` tad-Djar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi l-konjugi huma [kienu] l-proprjetarji ta' fond urban b'ghalqa annessa sitwat fil-fond numru 3, Ghar il-Gobon Street, Sqaq numru erbgha (4), tal-kejl ta' ċirca żewġt itmiem;

Illi fl-1987 rapprezentanti tal-intimat Direttur Generali tax-Xogholijiet, minghajr ebda pre avviż jew dokumentazzjoni debiti, u minghajr osservanza ta' xi proċedura legali, u minghajr Presidential declaration a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, qabdu u pprivaw lill-esponenti mid-dgawdija paċifika ta' porzjon kbir ta' din il-proprjeta' konsistenti fil-maggoranza tal-istess art, sabiex isiru xogholijiet ta' formazzjoni ta' triq ġdida, li sussegwentement ġiet moghtija l-isem ta' Triq Tumas Fenech;

Illi fil-kors ta' tali intervent l-istess rappreżentanti iddemolew kompletament razzett storiku illi kien ilu mibni sa mill-1717, u anke kkawzaw hsara strutturali sostanzjali fil-fond ta' residenza tar-rikorrent;

Illi r-rikorrenti ilhom sa minn dak iz-zmien jitolbu illi almenu jinghataw kumpens xieraq skond il-Ligi ghal tali agir;

**A. <u>Il-vjolazzjoni principali - l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi minkejja illi gew interpellati l-intimati kollha, ir-rikorrenti qatt ma nghataw ebda risposta konkluziva izda ntbatu sistematikament u infallibilment "minghand Caiphas ghal ghand Pilatu" minghajr ebda rizultat;

Illi jirrizulta li ghal dak li ghandu x' jaqsam mad-Direttur Generali tat—Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern (gja tal-Kummissarju tal-Artijiet) jezisti file fuq il-kaz tar-rikorrenti bir-referenza L 97/98;

Illi jirrizulta ulterjorment li ghal dak li ghandu x' jaqsam mad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet, jezisti file fuq il-kaz tar-rikorrenti bir-referenza WD 795/83/1;

Illi wara s-suesposti interpellamenti lil diversi Dipartimenti, irrizulta illi l-art de quo tar-rikorrenti lanqas biss giet formalment esproprjata mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet, ghaliex id-Direttur Generali tat-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern lanqas biss qatt ircieva talba mid-Direttur tax-Xogholijiet ghal tali esproprjazzjoni;

Illi ghalhekk l-att spoljattiv ta' tehid ta' pussess fiziku tal-porzjoni l-kbira tal-proprjetà tal-protestanti fuq imsemmija kien effettivament abbuziv u illegali;

Illi l-kaz odjern jikkostitwixxi allura esproprjazzjoni defacto, hekk kif tenniet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (aktar il igfel imgemmija bhala 'il-Qorti Ewropea) fil-kawza "Sporrong and Lonnroth v. Sweden"[1], u ghalhekk sar bi vjolazzjoni tal-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1 tal-Fwwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet talBniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi mhux ikkontestat li l-Gvern ghandu dritt li jesproprja proprjetà private sabiex jaghmel uzu minnha ghall-beneficcju pubbliktli inkluz sabiex jigu kostruiti toroq;

Illi mhux ikkontestat lanqas illi l-Gvern ghandu jkun l-arbitru finali ta' fejn ghandha tigi sitwata t-friq u liema proprjetà ghandha tigi esproprjata sabiex issir it-friq;

Illi madanakollu, dawn il-jeddijiet tal-Gvern huma limitati bid-dmir li jaghti kumpens xieraq lill-individwi privati li jkunu sofrew l-esproprjazzjoni, liema kumpens huwa necessarju ghaliex jemergi mid-dritt tal-proprjetà innifsu hekk kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, hekk kif tenniet il-Qorti Ewropea fil-kawza ta "Lithgow"[2];

Illi r-rikorrenti ghadhom legalment proprjetarji tal-fond, madanakollu gew imcahhda mill-uzu u t-tgawdija tal-istess

[1] CASE OF SPORRONG AND LÔNNROTH v, SWEDEN (Application no. 7151/75; 7152/75) Judgment date 23/09/1982

[2] CASE OF LITHGOW AND OTHERS v. THE UNITED KINGDOM (Application no. 9006/80•, 9262/81; 9263/81; 9265/81; 9266/81•, 9313/81•, 9405/81) Judgment Date 08/07/1986

proprjetà, liema proprjetà giet disfrutta minghajr proceduri skond il-Ligi u minghajr ma nghataw kumpens adegwat;

Illi c-cahda ta' l-uzu u t-tgawdija li sofrew ir-rikorrenti hija ghalhekk gravi u assoluta, u hekk kif tenniet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-Kawza "Onor. Perit Dominic Sive Duminku Mintoff et v. Onor, Prim Ministru et", deciza fit-30 ta' April 1996, huwa kompitu tal-Qorti li f'kaz bhal dan taghmel tajjeb ghall-fatt illi l-valur ekonomiku tal-proprjetà gie effettivament azzerat;

Illi minkejja li, hekk kif su riferit, mhuwiex kontestat li 1-Gvern ghandu diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddetermina x'inhu fl-interess pubbliku, l-individwu privat m'ghandux jigi sfurzat li jigsaporti oneru eccessiv ghaliex ghandu jsir bilanc bejn il-bzonnijiet tal-komunità u d-drittijiet tal-individwu, hekk kif qalet il-Qorti Ewropea f'kawzi bhal "***Sporrong and Lonnroth v. Sweden***", gja citata;

Illi s-su citata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' April 1996 fil-kawza fl-ismijiet "***Onorevoli Perit Dominic Sive Duminku Mintoff et Onorevoli Prim Ministru et***" ghamlet referenza ampja ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea, inkluz is-su citat kaz ta' "Sporrong and Lonnroth", kif ukoll il-kaz "***James Cavendish, Corbett & Wilbraham***"[3], fejn il-Qorti Ewropea tenniet li ghalkemm il-privazzjoni tal-proprjetà tista' ssir fl-interess pubbliku, certament dan ghandu jkun soggett ghal interpretazzjoni stretta, u bhala bazi ta' dan il-kuncett taht il-Konvenzjoni hemm dejjem I-iskop li jigi evitat li individwu jigi assoggettat ghal privazzjonijiet arbitrarji tal-proprjetà tieghu;

Illi l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ampjament ikkjarifikat illi l-ipotesi ta' privazzjoni ta' proprjetà privata minhabba interess pubbliku, sabiex tkun konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll talKonvenzjoni Ewropea, frid tilhaq rapport ragonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit, ekwilibriju gust bejn l-interess generali u dak tal-persuna b'mod li jigi evitat lill-individwu piz partikolari u ezorbitanti;

[3] CASE OF JAMES AND OTHERS v. THE UNITED KINGDOM (Application no. 8793/79) Judgment Date 21/02/1986

Illi I-Qorti Ewropea, fis-sentenza tal-21 ta' Frar 1990 fil-kaz "***Hakansson & Sturesson***"[4], affermat in-necessità li tigi rispettata din il-proporzjonalità, u tenniet illi din il-kundizzjoni tigi nieqsa meta l-proprjetarju jigi assoggettat ghall-oneri specjali u esorbitanti li jmorru oltre l-margini ta' apprezzament spettanti lill-awtoritajiet nazzjonali;

Illi l-istess kundizzjonijiet huma applikabbli mhux biss f'esproprjazzjoni proprjea izda necessarjament ukoll f'esproprjazzjoni *de facto*, hekk kif affermat il-Qorti Ewropea fil-kaz "***Hentrich***"[5]

Illi l-Qorti Ewropea tenniet ukoll, fil-kaz tal-"***Holy Monasteries***"[6], illi l-principju tal-proporzjonalita' jista' ma jkunx sodisfatt anke meta il-kumpens offrut taht it-legislazzjoni li tirregola esproprjazzjoni proprja ikun baxx wisq;

Illi r-rikorrenti bir-rispett jesponu illi l-atteggjament tal-intimati fil-kaz odjern, jew min, minnhom, ma jista' qatt jissodisfa dan it-test, u tant hu hekk illi mhux biss ir-rikorrenti ilhom 25 sena minghajr kumpens ghall-esproprjazzjoni *de facto* li sofrew, izda sabiex jintefa aktar melh fil-ferita, fil-korrispondenza skambjata bejn il-prokuratur specjali Christopher Vella ghan-nom tar-rikorrenti, u l-Onorevoli Prim Ministru [vide dok. 27], gew sahansitra mitluba jistennew sa ma l-Gvern ikollu bizzejjed fondi sabiex ihallashom **[sic!]**;

## B. It-tieni vjolazzjoni – l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Illi addirittura l-fatti de quo jammontaw ukoll ghal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali li r-rikorrenti jgawda ghar-rispett tal-haja familjari taghhom u ta' darhom;

Illi dan jirrizulta mill-fatt li l-esponenti kienu residenti fl-area distrutta, liema area kienet tajba ghall-bini, u l-esponenti kienu

[4] CASE OF HAKKENSON AND STURESSON v. SWEDEN (Application no. 11855/85) Judgment Date 21/02/1990
[5] CASE OF HENTRICH v. FRANCE (Application no. 13616/88) Judgment Date 22/09/1994
[6] CASE OF THE HOLY MONASTERIES v. GREECE (Application no. 13092/87; 13984/88) Judgment Date 09/12/1994

digà kisbu permess tal-bini sabiex jizviluppaw fond aktar adattat ghall-bzonnijiet familjari taghhom;

Illi l-esproprjazzjoni li sofrew mhux talli tellfithom bini prezzjuz bhal ma kien it-torri mibni fl-1717 u ghalhekk mimli wirt storiku, talli pprojbiet l-esponenti Espedito Sammut milli jibqa' part time farmer, b'hekk illi tefghet hafna spejjez godda u oneruza fuq il-familja Sammut;

Illi inoltre, l-esproprjazzjoni sfurzat lill-familja Sammut jalteraw il-pjanijiet taghhom ghall-bini, b'hekk illi l-fond li eventwalment inbena b'hafna tbatija fl-area tar-rikorrenti spicca bil-faccata mat-triq arterjali Tumas Fenech, b'hekk illi issa minflok igawdu n-natura qieghdin ibatu l-effetti tat-traffiku;

Illi f'kazi simili fejn l-individwu gie mcahhad milli jgawdi l-hajja privata tieghu f'daru, il-Qorti Ewropea sabet vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u dan skond ma gie ampjament ikkristallizat fil-kawzi fl-ismijiet "Bags v. UK", Applikazzjoni Ewropea nru, 9310/81, u "Lopez Ostra v. Spain" deciza mill-istess Qorti fid-9 ta' Dicembru 1994;

Illi, inter alia, fil-kaz ta "*Lopez Ostra*", il-Qorti kienet sabet vjolazzjoni tad-dritt ghat-tgawdija tal-hajja privata u familjari fil-kaz ta Gregoria Lopez Ostra, li sofriet hafna minhabba l-effetti ta' *waste treatment plant* vicin ta' darha;

Illi ghalkemm l-effetti tat-traffiku mhumiex ekwivalenti ghall-effetti ta' waste treatment plant, a differenza tas-Sinjura Lopez ostra t-tbatija tar-rikorrenti giet kawzata mhux minn omissjoni mill-Gvern, izda permezz ta' att ta' kommissjoni ta' esproprjazzjoni;

Illi I-Onorabbli Qorti kostituzzjonali fil-kawza "*Mintoff et v. l-Onorevoli Prim Ministru et*", gja citata, kienet tenniet li l-kawza ta' "*Lopez Ostra*" ma kienitx applikabbli ghal dak il-kaz minhabba li l-fond li gie esproprjat de facto ma kienx ir-residenza tal-koppja Mintoff, izda f'dan il-kaz il-proprjetà esproprjata kienet ir-residenza tal-konjugi Sammut u ghalhekk anke d-dritt protett mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea gie lez flimkien mal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi r-rikorrenti ghalhekk ghandhom dritt ghall-kumpens, liema kumpens huwa dovut mhux biss meta ssehh esproprjazzjoni formali, izda anke meta, bhall-kaz de quo, f'kazijiet li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprjazzjoni, li certament huwa l-kaz fic-cirkostanzi odjerni, u dana skond l-insenjamenti tal-Qorti Ewropea f'diversi kawzi inkluza dik ta' "***Fredin***"[7], il-kaz ta "***Lithgow***", gja citat, kif ukoll is-su citat kaz ta' "***Sporrong and Lonnroth***";

Illi tali kumpens ghandu jirrifletti l-valur tal-proprjetà u jkun ta' somma shiha u mhux bhala pagamenti annwali ghaliex ir-rikorrenti gew privati totalment mit-tgawdija tal-proprjetà, hekk kif iddecidiet dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza "***Mifsud Marija v. Kummissarju tal-Artijiet et***", deciza fl-14 ta' Ottubru 2011 u kkonfermata fl-istadju tal-Appel mill-Qorti Kostituzzjonali fit30 ta' April 2012;

Illi l-0norabbli Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "***L-Onorevoli Perit Dominic Sive Duminku Mintoff et v. L-Onorevoli Prim Ministru et***", deciza fit-28 ta' Lulju 2006, inghad li meta, kif inhu l-kaz tar-rikorrenti Sammut, il-valur tal-proprjetà ikun gie effettivament azzerat, ir-rikorrenti ikollhom, **bhala minimu**, id-dritt li jigi risarcit l-ekwivalenti tal-valur taghha.

Illi l-istess Onorabbli Qortii fl-imsemmija kawza, ampjament ikkjarifikat li l-Qorti tista' wkoll, f'cirkostanzi fejn l-effetti tal-esproprjazzjoni ipperduraw, kif inhu l-kaz tar-rikorrenti Sammut minhabba li ghadhom minghajr kumpens, tiehu in konsiderazzjoni l-inkonvenjent li sofrew ir-rikorrenti birizultat dirett tal-esproprjazzjoni u d-dewmien sabiex jinghatalhom rimedji effettivi,

Illi l-istess Onorabbli Qorti kjarament ikkonstatat illi meta tkun sehhet esproprjazzjoni de facto, it-triq li l-Ligi trid li tittiehed hija semplicement li l-vittmi jigu debitament kumpensati tal-vjolazzjoni li jkunu sofrew, u mhux li ssehh esproprjazzjoni bil-procedura legali b'kumpens skond il-Kap. 88 talLigijiet ta' Malta, ghaliex dina l-procedura hija f'postha biss meta ssehh kif trid il-Ligi u cjoè qabel ma ssehh l-esproprjazzjoni;

[7] CASE OF FREDIN v. SWEDEN (No. 1) (Application no. 12033/86) Judgment Date 18/02/1991

Illi l-istess Onorabbli Qorti tenniet ukoll illi l-vittmi tal-esproprjazzjoni jibqghu isofru vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom sakemm jinghatalhom rimedju effettiv, u cjoè il-kumpens lilhom dovut skond il-Ligi.

**<u>Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost kollu</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-su espost, *dato ma non concesso*[8] li sehhet esproprjazzjoni skond il-Ligi, ir-rikorrenti korta sfaw vittmi ta' ksur taddrittijiet fondamentali taghhom hekk kif sanciti milÎ-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Èwropea;

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "***Mifsud Maria v. Kummissarju tal-Artijiet et***" gja citata, ghamlet dan car kristall;

Illi l-kawza su riferita kienet tittratta esproprjazzjoni li sehhet bi '*Presidential Order*' hekk kif mitlub mil-ligi, fejn ir-rikorrenti s-Sinjura Mifsud kienet inghatat il-kumpens mizeru ta' Lm8.40 fis-sena ghall-proprjetà taghha,

Illi s-sentenza tal-Prim'Alwa tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha, ikkonfermata in toto fl-appell, ikkwotat gurisprudenza bhala **"Hentrich" u "Mintoff"**, gia citati, rigward il-fatt li individwu m'ghandux jerfa' oneru eccessiv ghall-interess pubbliku;

Illi l-istess Onorabbli Qorü tenniet illi meta l-kumpens offrut ghall-esproprjazzjoni ikun zghir u mhux xieraq, il-bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali ma jkunx inzamm, u ghalhekk minkejja li tkun saret esproprjazzjoni bil-procedura skond il-Ligi xorta wahda jkunu gew vjolati ddrittijiet fondamentali tal-proprjetà tar-rikorrenti;

---

[8] U din qed tingab biss fl-eventwalita' li l-intimat, jew min minnhom jaghmlu l-prova li tezisti ordni tal-President tar-Repubblika g]all-esproprjazzjoni ta' l-art de quo – ordni li l-esponenti minkejja l-varji tentattivi li huma ghamlu, baqghu qatt ma sabu l-istess, u dana minghajr pregudizzju ghal dok 11 fejn l-Assistant Direttur tal-Kuntratti fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet tishaq li d-Dipartiment qatt ma kellu talba formali ghall-esproprjazzjoni u ghalhekk ma seta' javvja l-procedura sabiex jikkumpensa r-rikorrenti.

Illi l-istess Onorabbli Qorti kkjarifikat illi r-rimedju ghal din il-vjolazzjoni ikun proprju il-hlas ta' kumpens xieraq li jerga' jsib il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess tal-individwu li jkun sofra l-esproprjazzjoni tal-proprjetà tieghu;

Illi ghalhekk anke jekk l-intimati jgibu prova li l-proprjetà tar-rikorrenti Sammut giet esproprjata skond il-ligi, certament ir-rikotrenti xorta wahda sfaw vittmi tai vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, ghaliex mhux biss ma nghatalhomx kumpens xieraq, talli ma nghatalhom ebda kumpens u gew sahansitra mitluba, 'il fuq minti ghoxrin sena wara li l-proprjetà taghhom giet distrutta, jistennew sakemm l-iStat Malti jkun jista' jhallashom!

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-agir u l-mizuri mehduha mill-intimati, inkluz izda mhux limitat ghan-nuqqas tar kumpens moghti, illegali u li jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni;

2. Fl-eventwalità li ssir prova li kienet sehhet esproprjazzjoni bil-procedura rikjesta mil-Ligi, tiddikjara li l-fatt li r-rikorrenti ma gewx debitament kumpensati jammonta xorta wahda ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-proprjetà taghhom, hekk kif sanciti mill-istess artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni supra citati;

3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iz-zmien irragjonevoli li r-rikorrenti damu minghajr ebda kumpens, il-valur tal-proprjetà esproprjata, u c-cirkostanzi ohra kollha li l-Qorti jidhrilha li huma rilevanti;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skond il-ligi u c cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Ġenerali li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrenti qed isostnu illi l-mizuri allegatament mehudha mill-intimati, inkluz il-fatt li huma ma gewx kumpensati ta' porzjon ta' art mehudha lilhom biex isiru xogholijiet ta' triq gdida li sussegwentement giet moghtija l-isem ta' Triq Tumas Fenech (B'Kara), allegatament jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif protetti fl-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-intimat Onorevoli Prim Ministru u l-intimat Avukat Generali m'humiex il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap jew kapijiet tad-dipartiment/i li jkunu nkarigati fil-materja in kwistjoni. L-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li hadd minnhom ma ghandu jew qatt kellu l-mansjoni fil-ligi li jiehu pussess ta' artijiet biex, fost ohrajn, jinbnew toroq, jew li jesproprja artijiet, jew li jaghti xi tip ta' kumpens jew rimedju ghal kwalunkwe tehid jew esproprjazzjoni ta' art.

It-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda wiehed mill-esponenti qatt ma ha pussess ta' l-ebda art hekk kif qed jallegaw ir-rikorrenti. L-esponenti jistghux iwiegbu huma ghal allegazzjonijiet ta' ksur drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur huwa kjarament marbut ma azzjonijiet mehudha minn entitajiet/dipartimenti governattivi specifici ohra. Huma tali entitajiet/dipartimenti li huma responsabbli li jirrispondu ghal tali agir u li jipprovdu r-rimedji necessarji jekk din il-Qorti ssib li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Ghalhekk l-intimati l-Onorevoli

Prim Ministru u l-Avukat Generali interpellati inutilment u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in vista ta' dak li ghadu kif intqal, l-esponenti jitolbu il-kjamat fil-kawza tal-entitajiet li fihom hija vestita l-mansjoni guridika f'kawza bhal din. Peress illi huwa l-ghemil taghhom li qieghed jigi kkontestat (allegat tehid ta' art u nuqqas kumpens) u li maghhom kienu anki qed jikkorrispondu r-rikorrenti, u cioe Transport Malta (bhala successur fil-funzjonijiet tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta); d-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet u l-Kummissarju tal-Artijiet;

3. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qed jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom numru ta' rimedji ordinarji effettivi li setghu utilizzaw, bhal dak stabbilit fl-Artikolu 1077 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll kull rimedju pussessorju jew petitorju li sid ta' art li tilef pussess taghha ghandu kontra pussessur li ma jkollux titolu ghall-art. Hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, persuni li ghal ghexieren ta' snin injoraw u ma nvokawx id-diversi rimedji ordinarji pprovduti bl-Ordinament Guridiku, ma jistghux wara jirreklamaw danni jew rimedju alternattiv.

Illi jirrizulta li mill-1987 lil hawn ir-rikorrenti ma hadu l-ebda passi legali (hlief ghall-protest gudizzjarju datat Ottubru 2009) u qaghdu jittratenu ghal dan iz-zmien kollu (25 sena) sabiex fl-ahhar iniedu kawza Kostituzzjonali. Dan ifisser li r-rimedji ordinarji li kienu ghad-dispozizzjoni tar-rikorrenti qatt ma gew utilizzati u ghalhekk jixraq li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta'dan ir-rikors (ara f'dan ir-rigward is-sentenzi moghtija f'**Felice Abela et v. Kummissarju tal-Artijiet**[9] **u J.E.M Investments Ltd v. Direttur Generali tax-Xogholijiet**

[9] Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 1 ta' Dicembru 2005, Rikors Nru. 40/2005

**et**[10], kif ukoll **Borg Properties Limited v. Direttur tal-Artijiet et**[11] li wkoll kienu jittrattaw art allegatament okkupata mill-Gvern minghajr ma kienet inharget Dikjarazzjoni dwar esproprjazzjoni);

4. Illi in linea preliminari wkoll, l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li taghha qed jallegaw ksur ir-rikorrenti huwa ghal kollox inapplikabbli ghall-kawza odjerna. L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa semplicement disposizzjoni introduttiva ta' natura generali u dikjaratorja li telenka id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu li wiehed mbad isib trattati b'mod specifiku u dettaljat fl-artikoli indivdiwali sussegwenti tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni;

5. Illi in linea preliminari wkoll, peress illi r-rikorrenti fir-rikors promutur kienu vagi u mhux cari dwar il-qisien tal-art li allegatament ittiehdet biex tinbena triq, l-esponenti jissottomettu li qabel ma jigi trattat il-mertu, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova konkreta tal-qisien tal-art li allegatament ittiehditilhom biex tinbena triq, inkluz pjanti tal-art in kwistjoni;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, l-intimati jirrilevaw fil-mertu illi jekk semmai jirrizulta li fil-fatt sar xi tehid tal-art in kwistjoni, tali tehid sar biss u unikament ghal Skop pubbliku u fl-interess pubbliku;

7. Mhuwiex kontestat mir-rikorrenti li l-art li allegatament ittiehdet, ittiehdet ghal Skop pubbliku u fl-interess pubbliku sabiex tinbena triq. F'dak il-mument li ttiehdet dik il-porzjon art kien jissussisti interess u skop pubbliku car u dan baqa' jissussisti wara li ttiehdet l-art u nbniet it-triq. Ghalkemm ir-rikorrenti jaghmlu, diversi drabi, referenza ghall-kawza Mintoff et ghandu jigi sottolineat li l-fattispecie tal-kawza

[10] Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 2012, Citazzjoni Nru. 42/2008.
[11] Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 26 ta' Novembru 2010, Rikors Nru. 58/2009

odjerna huma kompletament differenti minn dawk fil-kawza *Mintoff et*.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jekk jirrizulta li fil-fatt sar xi tehid ta' art biex tintuza ghal skop pubbliku u jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li tali tehid ma sarx skond il-formalitajiet tal-Kap 88, ir-rimedju li ghandu jinghata semmai huwa li din l-Onorabbli Qorti tordna li jittiehdu l-passi necessarji biex l-art in kwistjoni tigi formalment esproprjata u biex jinghata kumpens lir-rikorrenti skond il-kriterji tal-Kap 88. Huwa wkoll rilevanti illi l-Kap. 88 jipprovdi ghall-hlas ta' 'danni' kalkolati bilhamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha tkun ittiehdet l-art sad-data tal-hlas tal-kumpens;

8. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegat ksur ta l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu jigi sottolineat li l-art li allegatament ittiehdet kienet porzjon ta' ghalqa u mhux id-dar ta' abitazzjoni u residenza tal-konjugi Sammut. Fil-fatt jirrizulta li l-konjugi Sammut baqghu u ghadhom joqghodu fid-dar ta' residenza taghhom. Ghalhekk mhux minnu dak li hemm miktub fir-rikors promutur, pagna 7 u cioe li "f'dan il-kaz il-proprjeta esproprjata kienet ir-residenza tal-konjugi Sammut". Fil-kawza odjerna l-ghemil kontestat huwa t-tehid ta' porzjon ta' ghalqa biex tinfetah triq. Ghalhekk m'hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hekk kif qed jigi allegat mir-rikorrenti;

9. Lanqas dawn ic-cirkostanzi jistghu jigu kkomparati mac-cirkostanzi fil-kawza Lopez Ostra v Spain, fejn il-Qorti Ewropea sabet ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni minhàbba li Lopez Ostra sofriet minhabba I-effetti gravi fuq sahhitha ta' inkwinament li kien gej minn waste trealment plant vicin tad-dar taghha li kien qed jithalla jopera illegalment minghajr licenzja mill-awtoritajiet Spanjoli[12]'

---

[12] *"Nausea, vomiting, allergic reactions, anorexia etc; acute bronchopulmonary infections; chronic absorption of harmful gases and fumes".*

Ir-rikorrenti donnhom qed jallegaw li hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8 fil-konfront taghhom minhabba t-triq li nbniet hdejn ir-residenza taghhom u l-allegat inkonvenjent tat-traffiku li jghaddi minn din it-triq u l-fatt li issa m'ghadhomx igawdu n-natura. Huwa lampanti li l-inkonvenjent tat-traffiku ma jista' bl-ebda mod jigi ekwiparat mac-cirkostanzi prezenti fil-kawza Lopez Ostra v Spain. Kieku r-ragunament tar-rikorrenti kellu jigi milqugh mill-Qorti, allura nigu fsitwazzjoni fejn ma jistghux jigu mibnija iktar toroq ghall-beneficcju talpubbliku ghaliex dawn it-toroq u t-traffiku li jinholoq invarjabilment jikkagunaw xi tip ta' inkonvenjent lin-nies li jkunu residenti fejn ha tigi mghoddija t-triq;

10. Illi dan it-tip ta' nkonvenjent generali mhux bizzejjed biex jigi stabbilit li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk semmai din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni ta' din il-Qorti f'dak is-sens ghandha tikkostitwixxi just satisfaction sufficjenti;

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandu jithallas xi kumpens lir-rikorrenti, dan il-kumpens ghandu jkun limitat ghal danni morali li setghu gew sofferti mir-rikorrenti dejjem jekk jirrizulta li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom. Kwalunkwe pretensjoni fis-sens illi din il-Qorti ghandha tistabbilixxi "kumpens" ghat-tehid tal-art in kwistjoni tezorbita mill-gurisdizzjoni u mill-kompetenza ta' din il-Qorti billi, filwaqt illi l-Qorti hija kompetenti sabiex tillikwida u tordna l-hlas ta' danni morali naxxenti minn lezjonijiet ta' drittijiet fundamentali, l-kompetenza dwar l-iffissar ta' kumpens ghall-akkwist ta' artijiet ghal skopijiet pubblici tirrisjedi esklusivament fil-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet imwaqqaf ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Illi fl-ahhar lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha taghti xi kumpens lir-rikorrenti, meta tigi biex tiffissa l-ammont ta'

dan il-kumpens din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti qaghdu jittratenu 25 sena qabel ma fl-ahhar bdew dawn il-proceduri u dan hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna (ara fost ohrajn **Grech v. Direttur ta' l-Akkomodazzjoni** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Dicembru 2010[13])';

14. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2013 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża ta' Transport Malta u tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzjonali stante li huma qed jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom numru ta' rimedji ordinarji effettivi li setghu utilizzaw b'dan illi hija l-umli fehma ta' l-esponenti din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319;

2. Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-allegazjonijiet tar-rikorrenti fis-sens illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi kisru l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

[13] Appell Civili Numru 60/2006/1

3. Illi l-esponent hu tal-umli fehma li l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li taghha qeghdin jallegaw ksur ir-rikorrenti hija inapplikabbli peress illi dan l-artikolu huwa biss disposizzjoni introduttiva ta' natura generali li telenka d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem;

4. Illi minghajr preġudizju ghas-suespost, kull allegata vjolazzjoni tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija insostenibbli;

5. Illi inoltre, kull allegata vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija insostenibbli;

6. Illi id-Dipartiment Proprjeta tal-Gvern ma jistax iniedi l-procedura formali ghall-esproprju sakemm ma jigix affacjat b'talba minn xi awtorita' pubblika. In kwantu ma saret l-ebda talba f'dan is-sens rigwardanti l-art li saret riferenza ghaliha fir-rikors promutur, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma f'dan l-istadju insostenibbli kontra l-esponent;

7. Illi l-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex l-awtorita kompetenti sabiex jiehu deċiżjonijiet dwar fejn ghandhom isiru proġetti pubblici jew minn fejn ghandhom jghaddu toroq godda fil-pajjiz. Fit-fatt meta jkun hemm il-htieġa li jsiru proġetti jew xoghlijiet ta’ din ix-xorta, hi l-awtorita li tkun trid twettaq dawn ix-xoghlljiet li taghmel talba lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex iniedi l-proċedura tal-esproprju u dan wara li l-flus li ser jithallsu bhala kumpens ghal dik l-artijiet u depozitati f'kont bankarju mill-awtorita li ser taghmel ix-xoghljiet;

8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat minnhom, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Illi permezz tal-verbal tat-tlettax [13] ta' Frar, 2013, 1-esponenti Awtorità ghat-Trasport f'Malta ġiet kjamata fil-kawża fuq referita ghal liema hija qieghda tressaq is-segwenti risposta taghha.

Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jallegaw illi fl-1987 rapprezentanti tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet qabdu u pprivawhom mit-tgawdija pacifika ta' porzjon kbir ta' art proprjeta' taghhom sabiex tigi ffurmata triq gdida [li sussegwentement inghatat l-isem ta' Triq Tumas Fenech bi ksur ta' l-Artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

Illi l-esponenti umilment tikkontendi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha ghar-ragunijiet segwenti:

**1. Preliminarjament, ir-rikorrenti m΄ezawrewx ir-rimedji ordinarji**

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija fl-ahhar mill-ahhar wahda ta' natura amministrattiva u ċivili li, fl-ahjar ipotezi, tissarraf fi hlas ta' kumpens wara li tidi segwita l-procedura appożita skont il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fatt, it-talba principali tar-rikorrenti hija proprju sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lilll-intimati jhallsu kumpens xieraq ghall-allegata privazzjoni mit-tgawdija paċifika tal-art mertu ta' din l-istanza.

Dan ir-rimedju seta' faċilment jiġi mfittex fil-kuntest ta' proceduri quddiem il-Qrati ordinarji u mhux fis-sede Kostituzzjonali. Madanakollu, ir-rikorrenti ma ntavolaw ebda proceduri quddiem il-Qorti iżda semplicement ipprezentaw protest gudizzjarju fl-2009 li issa segwew b'kawza Kostituzzjonali.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob illi din I-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni (Artikolu 46(2)) u taht I-Att XIV ta' 1-1987 (Artikolu 4(2)).

## 2. Preliminarjament ukoll, l-esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur

Illli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' kjamata mhijiex il-legittimu kuntradittur ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghaliex il-ligi ma taghtiha ebda dritt sabiex tesproprja hija stess b'mod dirett jew illi taghti kumpens ghal esproprju.

Illi anke jekk, dato ma non concesso, l-Awtorità esponenti jew il-predecessur taghha l-ADT [Awtorità dwar it-Trasport] ghamlu xogholijiet fuq art ir-rikorrenti, il-proceduri ta' esproprjazzjoni u ta' hlas ta' kumpens semmai jaqghu taht ir-responsabbilità tal-kjamat in kawża l-iehor il-Kummissarju tal-Artijiet u mhux tal-Awtorità esponenti.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu mithuda fil-konfront tal-Awtorità esponenti.

## 3. Preliminarjament ukoll, l-inammissibbilta' tal-kawza odjerna ratione temporis

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi safejn qed jigi allegat ksur tal-Konvenzjoni Ewropea, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli ratione temporis ai termini tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319, Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht I-Artikolu 4 tal-istess Kapitolu 319.

Inoltre', u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dato ma non concesso li sar xi ksur f'dan is-sens, ma jissussisti ebda dritt ghall-kumpens u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-esponenti tissottometti illi dawn l-eccezzjonijiet ratione temporis huma ta'ordni pubbliku in kwantu jolqtu l-applikazzjoni stess tal-ligijiet vigenti.

**4. Preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jġibu prova tal l-art li allegatament ittehditilhom u ta' min ghamel ix-xogholijiet allegati**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti kienu vagi dwar il-qisien tal-art li allegatament ittehditilhom sabiex tinbena t-triq u ta' min ghamel ix-xogholijiet ta' formazzjoni ta' Triq Tumas Fenech. Ir-rikorrenti anqas ma ezebew xi prova f'dan il-kuntest.

L-esponenti tissottometti illi qabel ma jigi trattat il-mertu huwa bir rispett necessarju illi r-rikorrenti jgibu prova ċara u konkreta tal-qisien tal-art li allegatament ittiehditilhom u ta' min ghamel ix-xogholijiet ta' formazzjoni tat-triq.

Jinghad illi x-xogholijiet saru qabel mal-Awtorita' esponenti hadet l-awtonomija taghha mit-Taqsima tax-Xogholijiet fi hdan il-Ministeru ghal-istess Taqsima Riżorsi u Affarijiet Rurali u jista ghalhekk ikun il-każ li jkollha tiġi kjamata f'dawn il-proċeduri. L-esponenti ghalhekk qieghda tirriserva d-dritt taghha li titlob il-kjamat fil-kawta tat-Taqsima tax-Xogholijiet.

**5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikax ghal kaz odiern**

Illi l-esponenti tirreleva illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tieghu jallegaw l-ksur ir-rikorrenti ma japplikax ghal każ odjern stante illi l-istess artikolu huwa biss intiż sabiex jelenka d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem minghajr ma

jittratta xi wiehed mill-istess drittijiet u libertajiet b'mod spetifiku u partikolari.

**6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi jigi sottolinjat li kif ammess anke mir-rikorrenti nfushom, l-art li allegatament ittiehdet ghal-formazzjoni tat-triq kienet porzjon ta' ghalqa u mhux id-dar ta' abitazzjoni u residenza tar-rikorrenti. Jirriżulta fil-fatt illi r-rikorrenti ghadhom sallum jghixu fid-dar ta' residenza taghhom accessibli minn Sqaq Numru 4, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara. Ghalhekk, mhux minnu [kif gie allegat] illi f'dan il-każ il-proprjeta' esproprjata kienet ir-residenza tar-rikorrenti.

Illi l-anqas ma jista jinghad illi gew b'xi mod leżi d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni minhabba l-fatt illi nbniet triq hdejn ir-residenza tar-rikorrenti. F'dan il-kuntest, jinghad illi r-rikorrenti kienu ben konxji tal-fatt illi magenb id-dar taghhom kellha tinfetah triq u dan, [i] kif ammess minnhom stess inklui fl-affidavit ta' Espeditu Sammut; [ii] kif jirriżulta mill-permess ta' bini ezebit mir-rikorrenti; [iii] skont l-obbligi legali tar-rikorrenti li jemanu mill-Avviż Legali 29 tal-2010 u, qabel dan, mil-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta rigward l-iffurmar ta' toroq privati u/jew residenzjali.

Jinghad ukoll illi l-inkonvenjent tat-traffiku ma jistax jitqies illi jaghti bażi jew raġuni ghall-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kieku dan kellu jkun il-każ, ebda triq ma tkun tista tinbena ghal-beneficcju tal-pubbliku in ġenerali inkluz, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti stess li jutilizzaw Triq Tumas Fenech kif anke jirriżulta mill-indirizz minnhom moghti fir-rikors odjern.

Ghaldaqstant, ma jista jinsab ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**7. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe tehid ta' art sar, semmai, fl-interess pubbliku u skont l-obbligi u responsabilitajiet tar-rikorrenti u l-Awtorita' esponenti**

Illi l-esponenti tirrileva illi jekk semmai sar xi tehid ta art tali tehid sar fl-interess pubbliku, ghal skop pubbliku, u skont l-obbligi u responsabilitajiet tar-rikorrenti u l-Awtorita' esponenti naxxenti mill-Avviz Legali 29 tal-2010 u, qabel dan, mil-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta rigward l-iffurmar ta' toroq privati u/jew residenzjali. Dan ma gie bl-ebda mod ikkontestat mir-rikorrenti.

Ghalhekk, ma jirriziulta ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-ewwel artikolu ta' 1-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**8. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghal kumpens tezorbita l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti**

Illi l-esponenti tirreleva li jekk ghal grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara l-allegat agir tal-intimati bhala li jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tordna l-hlas ta' xi kumpens wara li tistabilixxi l-istess tenut kont tal-valur tal-art in kwistjoni u dan ghaliex kwalunkwe pretensjoni f'dan is-sens tezorbita mill-gurisdizzjoni u mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Il-kompetenza dwar l-iffissar kumpens ghall-akkwist ta' art tirrisjedi esklussivament fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ai termini tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad ukoll illi jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha taghti xi tip ta' kumpens lir-rikorrenti dan il-kumpens ghandu jkun biss wiehed nominali u mhux ibbażat fuq xi pretensjoni ċivili ta' danni. Barra minn hekk, din il-Qorti ghandha bir-rispett tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti qagħdu jittrattenu hamsa u ghoxrin [251 sena qabel ma ghamlu din il-kawta.

Ghaldaqstant, l-Awtorità esponenti titlob bir-rispett illi l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2014 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża taċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar.

Rat ir-risposta taċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Illi it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita' tad-Djar hi palezement infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-esponenti jaghmlu taghhom ir-risposti u eċċezzjonijiet kollha maghmula mill-intimati l-ohra sa fejn dawn huma kompatibbli ma' dak li johrog minn din ir-risposta.

Illi l-ghemil tat-toroq qatt ma kienet mansjoni tal-Awtorita' tad-Djar u ghalhekk din l-Awtorita' qatt ma tista tirrispondi ghat-talba kif dedotta fir-rikors promotur. Jigi rilevat li it-triq indikata fir-rikors kienet neċessarja u kienet ippjanata anke kieku ma kienx hemm proġett tal-Awtorita'.

Illi l-Awtorita' twieġeb biss ghall-kull art li tkun mehuda biex fuqha jinbnew djar imma mhux ghall-art li tkun ser tintuża bhala triq. Ghal dik l-art iwieġeb haddiehor;

Illi ghall-art mehuda ghal furmar ta' toroq dejjem ghandha tirrispondi l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li issuccediet lid-Dipartiment governattiv li ipprecediha.

Illi il-fatt li meta ittiehdet l-art dik l-Awtorita' ghat-Trasport ma kenitx ghadha furmata ma jfisser xejn la darba dik l-Awtorita' issuccediet lid-Dipartiment governattiv li kellu l-istess mansjonijiet.

Illi intant l-Awtorita' tad-Djar ma kellha ebda proġett fiz-zona mertu tal-kawza li ghalih talbet informazzjoni ta' triq li ma kenitx Altrimenti pjanata u ghalhekk hu żgur li ma setghetx kienet hi l-ente li talbet ghall-esproprjazzjoni tal-art ghat-triq;

Illi intant ukoll l-Awtorita' tad-Djar ma taghmel ebda esproprjazzjoni ta' art – dik hi mansjoni li bil-ligi taqa' f'idejn id-Dipartiment tal-Artijiet u dan tamite ligijiet li appuntu jaghtu issahha lill-kummissarju tal-art sabiex jaghmel tali espropjru. Ghalhekk ghal dan l-ghemil ma tistax tiġi imsejha twieġeb l-Awtorita' tad-Djar ikun x'ikun l-uzu li ser isir mill-art u ikun x'ikun l-arrangament intern bejn id-diversi entitajiet konnessi mal-gvern.

Illi intant l-unika art li setghet talbet l-Awtorita' kienet dik li fuqha jinbena xi proġett jew djar tal-Awtorita'. L-art neċessarja ghat-toroq tal-madwar kellu jitlobha u jhallas ghaliha id-Dipartiment tat-toroq anke ghaliex it-toroq kienu isiru anke minghajr il-progett u ghat-toroq dak id-Dipartiment hu responsabbli.

Illi intant kif gia inghad fuq l-art mertu tal-kawza ma hemm ebdas proġett tal-Awtorita' u kull svilupp li sar f'dawk l-akkwati sar mid-Dipartiment tal-Gvern u mhux mill-Awtorita' tad-Djar.

Illi il-kjamata in kawża tal-Awtorita' tad-Djar ghalhekk ma kenitx neċessarja u l-Awtorita ma ghandiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi irriżulta li fit-Triq Tumas Fenech l-uniku kumpless li hemm li fih kien involut il-Gvern la qatt kien u sa issa ghadu mhuwiex proprjeta' tal-Awtorita' tad-Djar hlief ghal żewġt idjar biss, ghalhekk ukoll ma ghandiex tirrispondi l-Awtorita' tad-Djar.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi it-talba attriċi ma tiġix milqugha fil-konfront tal-Awtorita' tad-Djar.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2019, il-Qorti ħatret lill-Perit Mario Axisa sabiex jistma l-proprjeta' in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni teknika li ġiet ikkonfermata bil-ġurament tal-istess perit fil-25 t'April 2023.

Rat it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi li sarulu in eskussjoni.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u dawk rispettivament sottomessi mill-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat gia Avukat Ġenerali, u l-kjamati in kawża il-Kummissarju tal-Artijiet gia ċ-Chairman tal-Awtorita' tal-Artijiet u l-Awtorita' tad-Djar gia iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar.

Rat illi nonostante l-fakolta' lilha konċessa Transport Malta ġia Awtorita' ta' Malta għat-Trasport baqgħet ma ppreżentatx nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mill-fatt illi ma ġewx kumpensati għal-porzjon ta' art li ttieħdet lilhom sabiex tiġi ffurmata triq ġdida li ngħatat l-isem ta' Triq Tumas Fenech. Jgħidu għalhekk illi din l-esproprjazzjoni de facto tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif dawn jinsabu mħarsa ai termini tal-Artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-1 Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni. Talbu għalhekk illi jiġi dikjarat illi t-teħid tal-art proprjeta' tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' ħlas ta' kumpens adegwat jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Konsegwentement talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens adegwat.

L-intimati rispettivament ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu.

Qabel xejn, il-fatti li jirriżultaw mill-atti u li dwarhom jirriżulta wkoll qbil huma s-segwenti:

B'kuntratt tal-1 ta' Marzu 1975 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza, r-rikorrenti xtraw u akkwistaw razzett li kien fih żewġt itmiem, erba' kmamar u bitħa li f'nofsha kien hemm torri.
Fl-isfond ta' proġett ta' *clearance* ta' *slum area*, fis-sena 1987 ittieħdet mingħand ir-rikorrenti porzjon ta' art sabiex tinfetaħ triq ġdida li tagħti aċċess għall-qasam tad-djar. Din it-triq ġiet imsemmija Triq Tumas Fenech.

Qatt ma sar proċess t'esproprju tal-art bil-konsegwenza li r-rikorrenti baqgħu ma rċevew ebda kumpens għall-art li ttieħdet lilhom.

Mix-xhieda ta' Margaret Falzon mit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern jirriżulta li fis-sena 1998 ir-rikorrenti kienu għamlu talba għall-kumpens. Peress illi minn investigazzjoni nterna rriżulta li qatt ma kienet saret talba għall-esproprjazzjoni, it-Taqsima tal-proprjeta' tal-Gvern irreferiet il-kwistjoni lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u ddireġewhom sabiex iressqu talba formali għall-esproprjazzjoni la darba l-art kienet ittieħdet għal skop pubbliku. Id-Dipartiment tax-Xogħolijiet talab stima tal-art in kwistjoni sabiex minn hemm jiddeċiedu fuq dak illi kellu jkun il-pass li jmiss. Saret stima tal-art fis-sena 2005. L-art li rriżultat kienet fil-kejl ta' 616 metri kwadri u razzett tal-kejl ta' 37.86 metri kwadri ġiet stmata mill-Perit Frederick H Valentino bħala li tiswa Lm107,690. Kompliet tixhed u tikkonferma li talba għall-esproprjazzjoni qatt ma saret, kuntratt qatt ma sar u konsegwentement lanqas ma tħallas kumpens. Żiedet tgħid illi fir-rigward ta' l-art in kwistjoni ma ttieħdu ebda proċeduri għajr għal xi skambju ta' korrispondenza u protest ġudizzjarju ntavolat mir-rikorrenti. Ikkonkludiet tgħid illi f'dan il-każ il-kumpens huwa dovut mid-Dipartiment tal-Artijiet.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**

Ġie eċċepit mill-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat illi mhumiex leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijet ta' Malta.

L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jipprovdi li:

> *"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkuninkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *- omissis -*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra*

*xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Dak li trid din id-dispożizzjoni huwa illi r-rappreżentanza tal-Gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment ikkonċernat. Għalhekk ġa la darba jirriżulta li hemm dipartiment inkarigat mill-materja in diskussjoni, għad illi l-Avukat tal-Istat kellu xorta waħda jiġi notifikat bl-atti tal-kawża ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap 12, ma kellux ikun parti f'din il-kawża. L-istess jgħodd għall-Onorevoli Prim'Ministru li din il-Qorti tqis tħarrek ħażin. Għalhekk, sia l-Onorevoli Prim'Ministru kif ukoll l-Avukat tal-Istat għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Fid-dawl ta' dan il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-Onorevoli Prim'Ministru u l-Avukat tal-Istat.

L-Awtorita' ta' Malta għat-Trasport, illum Transport Malta, u l-Awtorita' tad-Djar ukoll eċċepew rispettivament illi mhumiex leġittimi kuntradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti stante illi la entita' u lanqas l-oħra m'għandhom fil-mansjonijiet tagħhom illi jespropjaw l-art.

Rigward il-pożizzjoni tal-Awtorita' tad-Djar, din teċċepixxi illi mhijiex il-legittima kontradittur tal-atturi fl-ewwel lok ghaliex tgħid li ma tagħmilx esproprjazzjoni ta` immobbli, u fit-tieni lok għaliex tgħid li la tieħu ħsieb u lanqas tifforma toroq.

Mill-provi ma jirriżultax illi l-Awtorita' tad-Djar kellha xi involviment dirett fil-proġett li għalih ittieħdet l-art jew inkella li l-Awtorita' in kwistjoni kellha xi proġett fiż-żona. Għalhekk, la darba ma jirriżultax ness bejn it-teħid tal-art de quo u l-Awtorita' tad-Djar, il-Qorti tqis illi din l-Awtorita' ġiet imsejjħa fil-kawża inutilment u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservazzjoni tal-ġudizzju. Fid-dawl ta' dan il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' tad-Djar.
L-istess jista' jingħad dwar il-leġittimita' tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li mill-atti ma jidhirx li kienet involuta fit-teħid tal-art u/jew fil-formazzjoni tat-triq u/jew li okkupat tali art. Għalhekk anki l-Awtorita' ta' Malta għat-Trasport sejra tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bil-konsegwenza li l-Qorti

sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnha sollevati.

F'dan il-kuntest, tajjeb ukoll illi l-Qorti tistħarreġ il-pożizzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet li għad li mhuwiex jeċċepixxi li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti xorta waħda qiegħed jittanta jeżimi ruħu fil-konfront tar-rikorrenti billi qiegħed jeċċepixxi li huwa ma jieħux deċiżjonijiet dwar proġetti pubbliċi. In oltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-Kummissarju msemmi qiegħed jargumenta li la darba l-Awtorita' in kwistjoni ma ħaditx l-art mertu ta' din il-vertenza u la darba lanqas ma kienet hi li fetħet it-triq, allura ma tistax tinżamm responsabbli. Tgħid ukoll li ma jinkombix fuqha li tibda proċess t'esproprjazzjoni u li lanqas ma saritilha talba f'dan is-sens.

Waqt li huwa minnu li l-Awtorita' tal-Artijiet la ħadet l-art u lanqas fetħet it-triq, ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta intitolat Att Dwar Artijiet tal-Gvern:

> *B'żieda mal-poteri, obbligi u dmirijiet mogħtija lilha bl-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, l-Awtorità tal-Artijiet hija mogħnija bir-responsabbiltà li tamministra l-art kollha li hija proprjetà tal-Gvern u kif ukoll li **<u>tamministra kull art</u>** oħra li għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern **tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern**.* (enfasi miżjuda)

Fil-każ in diżamina l-art mhux talli ttieħdet u tinsab fil-pussess tal-Gvern talli addirittura nfetħet triq pubblika. Dan ifisser li l-Awtorita' tal-Artijiet hija fid-dmir illi tamministra dik l-art. Għalhekk, qua amministratriċi ta' art li qed tintuża għall-utilita' pubblika, jinkombi fuqha li tara li l-proċess tal-esproprju jiġi segwit kif trid il-liġi, del resto bħal kull amministratur ieħor, l-Awtorita' amministratriċi għandha l-mansjoni li tmexxi, tagħti direzzjoni u tirregola kwistjonijiet rigwardanti l-oġġett fdat lilha sabiex tassigura li kollox isir fl-aħjar interess tal-ġustizzja u ta' min ikun milqut b'deċiżjonijiiet u azzjonijiet amministrattivi li jittieħdu fl-interess pubbliku.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju tal-Artijiet stieden lill-Qorti tiddeklina mill-teżerċita s-setgħat

kostituzzjonali tagħha, ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 stante illi r-rikorrenti rrikorrew għal dawn il-proċeduri qabel m'eżarew ir-rimedji ordinarji għalihom disponibbli sabiex jiġu kumpensati għall-art li ttieħdet lilhom.

Fir-rigward ta' art li ttieħdet mingħajr ma ġiet eżegwita l-proċedura formali ta' esproprjazzjoni, m'hemmx dubju li r-rikorrenti kellhom rimedju taħt il-liġi ordinarja.  Hekk per eżempju b'azzjoni quddiem din il-Qorti fil-komptenza oriġinali tagħha u/jew azzjoni appożita quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ. Ġie senjalat ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri daħal fis-seħħ l-Artikolu 67 tal-Kap 573 taħt liema r-rikorrenti ukoll kellhom rimedju.  Fuq kollox, la darba ma nħarġitx dikjarazzjoni presidenzjali ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap 88 u allura lanqas ma ġiet segwita l-proċeudra maħsuba ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kap 88, l-art de quo la setgħet tiġi okkupata u wisq inqas setgħu isiru fuqha xogħolijiet.  La darba l-proċedura tal-esproprjazzjoni ma ġietx esegwita' u l-art ittieħdet mingħajr ebda titolu, ir-rikorrenti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom azzjoni petitorja jew possessorja fil-konfront ta' min spussesshom mill-art mingħajr ma kellu titolu biex jagħmel dan.

Ir-rikorrenti jidher li ħadu atteġjament pjuttost passiv fir-rigward ta' din il-kwistjoni billi għalkemm mill-atti jidher li bagħtu xi ittri legali għar-rigward, jidher illi l-ewwel azzjoni ġudizzjarja konkreta li ħadu kienet l-intavolar ta' protest ġudizzjarju ntavolat fid-9 t'Ottubru 2009.  Żgur illi din il-passivita' ma tistax tgħaddi inosservata.

Il-Qorti hija konsapevoli tal-ġuridprudenza dwar sitwazzjonijiet fejn jitressqu kawżi kostituzzjonali bħal dik ta' llum qabel ma jkunu ġew eżawriti r-rimedji ordinarji.  Biss, il-Qorti qegħda tqis ukoll illi fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, tali għażla tibqa waħda fid-diskrezzjoni esklussiva tal-Qorti.  Il-Qorti xtarret sewwa t-test tal-proviso tad-disposizzjoni in diżamina li taqra hekk:

> *Iżda l-Qorti tista', **<u>jekk tqis li jkun desiderabbli</u>** li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta*

*li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.* (enfasi miżjuda)

L-għażla tal-kelma 'desiderabbli' huwa fil-fehma ta' din il-Qorti wieħed sinifikattiv għall-aħħar. Il-leġislatur qiegħed b'hekk iħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi, wara li tkun semgħet il-provi u qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jekk hemmx lok li tiddeklina mis-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le. M'hemmx dubju illi meta tiġi sollevata eċċezzjoni bħal din il-Qorti trid tabilħaqq tqis il-każ fil-partikolaritajiet kollha tiegħu u b'ċirkospezzjoni assoluta. Naturalment eċċezzjoni bħal din tiġi mqanqla bl-iskop aħħari illi min jiġi msejjaħ iwieġeb għat-talbiet attriċi jsib mezz kif jeżimi ruħu mir-responsabilitajiet tiegħu. Biss mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax tilqa' tali eċċezzjoni leġġerment bil-konsegwenza li flok twettaq ġustizzja tkompli tirreka inġustizzja akbar.

Il-Qorti qieset bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża u hija ben konsapevoli mill-fatt li għad li r-rikorrenti kellhom diversi rimedji għalihom disponibbli sabiex jindirizzaw il-kwistjoni, dawn ma rrikorrew għal ebda wieħed minn dawn ir-rimedji. Mhux talli hekk, talli stennew sas-sena 2009 sabiex jintavolaw protest ġudizzjarju u terġa u tgħid ħallew trapass ulterjuri ta' żmien, sas-sena 2012 sabiex taw bidu għall-proċeduri odjerni. Żgur illi din il-passivita' għandha piż, biss, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti m'għandux f'dan il-każ iġorr sanzjoni tant drastika u drakonjana bħal ma hija dik fejn il-Qorti tirrifjuta li teżerċita' s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, għad illi tirribadixxi li r-rikorrenti messu pproċeda ġudizzarjament, l-interpellazzjonijiet tiegħu permezz t'ittri legali li bagħat tul is-snin, inkluż dawk lill-Onorevoli ex Prim Ministru Lawrence Gonzi li xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri u kkonferma li kien edott mill-kwistjoni kollha, messu xpruna lill-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex isolvu l-kwistjoni skont kif tipprovdi l-liġi. Kull awtorita' pubblika qiegħda hemm mhux biss biex twettaq atti li huma fl-interess pubbliku iżda wkoll sabiex tħares u tassigura li d-drittijiet proprjetarji taċ-ċittadini privati ma jiġux kalpestati. F'dan ir-rigward Margaret Falzon in rappreżentanza tat-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern xehdet illi meta r-rikorrenti lura fis-sena

1998 ressaq talba għal-kumpens il-kwistjoni tressqet quddiem id-Dipartiment tax-Xogħolijiet li talab stima tal-art biex jiddeċiedi dwar x'kellhom jagħmlu.  Il-kwistjoni ma kelliex tkun biex it-Taqsima msejjha tiddeċiedi hi x'kellha tagħmel bħal li kieku setgħet tokkupa l-art bla ma tħallas kumpens.  It-Taqsima tal-Artijiet kienet fl-obbligu li tniedi l-proċess sabiex l-esproprju jiġi fformalizzat u l-interessi tar-rikorrenti jiġu mħarsa.

Fuq kollox, il-Qorti qegħda tqis ukoll illi anki wara li r-rikorrenti pproċeda bl-istanza odjerna, ġie vverbalizzat għal darba tnejn li l-partijiet kienu qegħdin jesploraw il-possibilita' ta' transazzjoni biss ma waslu f'ebda ftehim.  Għal din il-Qorti l-aġir tal-entitajiet pubbliċi huwa wieħed infeliċi għall-aħħar għaliex għad li konxji li r-rikorrenti għandu jedd għal kumpens, kulħadd baqa' jkaxkar saqgħajh għad-detriment tar-rikorrenti.

Dan il-ħsieb kien ukoll kondiviż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Peter Cassar Torreggiani v. Kummissarju tal-Art, deċiża fl-10 ta' Novembru 2011:

> *"F'kaz bhal dan fejn l-awtorita` pubblika kompetenti naqset milli tagixxi bid-diligenza opportuna ghal zmien tant twil billi l-ewwel hadet 18-il sena biex tohrog l-Avviz ghall-Ftehim u imbaghad hadet mhux anqas minn 12-il sena ohra sabiex ipprocediet quddiem il-Bord kompetenti, ma jkunx gust li l-awtorita` pubblika tigi ppremjata ghall-inefficjenza u ibernazzjoni taghha billi din il-Qorti tiddeklina mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u anzi ssir impellenti li din il-Qorti tasserixxi dik il-gurisdizzjoni billi ssir gustizzja mal-persuna privata mill-proprjeta` taghha ghal zmien tant twil minghajr kumpens*."

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni, il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Artijiet mhijiex mistħoqqa u sejra għalhekk tiġi miċħuda.
Fil-mertu, r-rikorrenti qiegħed jilmenta mill-leżjoni tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-Artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Prokoll tal-Konvezjoni.

Dwar l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, id-disposizzjoni taqra hekk:

> *32. Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal- interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri-*

Dan l-Artikolu tal-liġi jrid jiġi kkunisdrat fid-dawl ta' dak illi jipprovdi l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni li jaqra hekk:

> "*kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju*".

Minn qari ta' din id-disposizzjoni jidher ċar illi l-Artikolu 32 mhu xejn għajr preambolu għad-drittijiet fundamentali kif elenkati u mħarsa ai termini tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni[14]. Dan għalhekk ifisser illi l-Artikolu 32 mhuwiex enforzabbli bil-konsegwenza li kull talba rigwardanti dan l-Artikolu sejra tiġi miċħuda.
Għal dak illi huma d-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tqis illi din id-dispożizzjoni mhijiex applikabbli għall-każ ta' llum in vista tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 37 u l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni fil-kuntest tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u ssib illi l-pożizzjoni tal-Qrati hija univoka fir-rigward tal-inapplikabilita' tal-Artikolu 37 tal-kostituzzjoni f'kuntest ta' lmenti rigwardanti kwistjonijiet regolati ai termini

[14] Ara: Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 1/06/2023; Dustin Bugeja vs Kummissarju tal-Pulizija et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/07/2023; Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċibili u Tribunali (Għawdex) et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 7/10/2022; Saadia Chabab vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/04/2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjoni b'deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2013.

tal-Kap 88 peress illi din il-liġi ġiet fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962[15].

Fuq skorta tal-prinċipji ġudizzjarji emanati mill-Qrati, il-Qorti sejra tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti safejn dawn huma bbażati fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti għaddiet għalhekk biex tqis illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa mibni fuq tlett prinċipji kardinali u cioe: (i) għandu jkun hemm it-tgawdija paċifika tal-proprjeta'; (ii) il-privazzjoni minn possedimenti hija soġġetta għall-kondizzjonijiet; u (iii) l-Istat għandu l-jedd illi jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali[16].

Id-dritt tal-Istat illi jfixkel it-tgawdija tal-proprjeta' hija eċċezzjoni u f'kull każ dan it-tfixkil irid ikun kompatibbli mal-prinċipji tal-legalita', tal-għan leġittimu fl-interess ġenerali u tal-bilanċ ġust[17].

Fil-kaz Vassallo and Others v Malta, deċiża fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Qorti Ewropea rritieniet li l-fatt li r-rikorrenti ma kienx irċieva kumpens għall-esproprjazzjoni li kienet ilha li seħħet 37 sena jammonta għal piż sproporzjonat.

Fis-sentenza fl-ismijiet Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff et vs l-Onorevoli Prim Ministru et, fis-sentenza tagħha tat-30 t'April 1996 il-Qorti Kostituzzjonali għarfet illi waqt illi l-Gvern kellu l-jedd li jespropja l-art fl-interess pubbliku, il-fatt li l-proprjetarji tal-art ma ġewx ikkumpensati jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Pawlu Cachia v. Avukat Generali et, deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001:

---

[15] Ara: Lawrence Fenech Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta` Novembru 2012; Melina Micallef v. Il-Kummissarju tal-Artijiet, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 4 t'Ottubru 2016 (kif riformata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Novembru 2017); Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 3 t'Ottubru 2014

[16] James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37; Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61; **Broniowski v. Poland**, 22 ta' Ġunju 2004, § 134; **Bosphorus Airways v. Ireland (2005)**:

[17] Curmi v Malta, 22 ta' Novembru 2011, § 3; Sporrong & Lönnroth, (ċitat supra) §§ 69-74

*"Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba ihallas kumpens".*

L-istess prinċipju ġie wkoll ribadit fis-sentenza fl-ismijiet John Caruana v Kummissarju tal-Artijiet, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 t'Ottubru 2014:

*"Fil-kaz odjern jirrizulta kristallin li d-dewmien da parti tal-intimat ghall-hlas tal-kumpens huwa wiehed esagerat u irragjonevoli u huwa manifestament leziv tad-dritt tarrikorrenti sancit fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ta' dritt kif abbinati mal-fatti li jsawru l-kawża ta' llum, il-Qorti ssib illi seħħ esproprju de facto u li għalhekk ġie leż id-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom kif dan il-jedd jinsab imħares ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn leżjoni tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni liema dispożizzjoni titkellem dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Id-Disposizzjoni taqra hekk:

*1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.*

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-kwalita' tal-ħajja tagħhom ġie mxekkel billi bil-ftuħ tat-triq il-ġdida d-dar ta' residenza tagħhom ma baqgħetx imdawwra bil-kampanja u bl-arja safja li kienu jgawdu qabel. Minflok illum qegħdin ikollhom jissaportu l-istorbju tat-traffiku li jgħaddi minn dik it-triq kif ukoll id-dħaħen tal-vetturi. Waqt illi tirrikonoxxi l-inkonvenjent, il-Qorti tqis illi fil-mument li akkwistaw il-proprjeta' r-rikorrenti kienu edotti mill-fatt li kien hemm triq skemata. Tqis ukoll illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Għalhekk kull talba f'dan ir-rigward sejra tiġi miċħuda.

Ir-rikorrenti talbu li jingħataw kumpens xieraq għal-leżjoni minnhom imġarrba.

L-Awtorita' tal-Artijiet eċċepiet illi fost il-kondizzjonijiet għall-permess tal-bini maħruġ favur ir-rikorrenti kien hemm dik illi huwa jrid jiftaħ il-parti tat-triq quddiem il-proprjeta' tiegħu. Huwa minnu li din il-kondizzjoni ġiet imposta fuq ir-rikorrenti anki għaliex fiż-żmien in kwistjoni hekk kienet titlob il-liġi ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kodiċi tal-Pulizija. Din il-liġi ġiet eventwalment emendata permezz tal-Avviż Legali numru 29 tal-2010 intitolat New Roads and Road Works Regulations.

Fil-każ ta' llum il-fatt li r-rikorrenti kellu l-obbligu jiftaħ dik il-parti tat-triq li tiffaċċja quddiem id-dar tiegħu ma tnaqqas xejn mid-dritt tar-rikorrenti għall-kumpens għall-estensjoni kollha tal-art li ttieħdiltu. Dan il-prinċipju huwa ravviżat taħt l-Artikolu 321 tal-Kap 16 li jistabbilixxi fi kliem ċar u tond illi:

> *Ħadd ma jista` jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjeta` tiegħu jew iħalli li ħaddiehor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku,* ***u bil-ħlas ta` indennizz gust****.* (enfasi miżjuda)

In atti ġew ippreżentati żewġ stimi tal-valur tal-art in kwistjoni. Waħda hija dik redatta mill-Perit Dennis H. Camilleri fuq inkarigu ex parte tal-Awtorita' tal-Artijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li din ir-relazzjoni teknika ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament tal-perit li rrediġiha u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-istima l-oħra in atti hija dik redatta mill-perit Adrian Mangion fuq inkarigu ex parte ta' Christopher Vella ossia n-neputi tar-rikorrenti. Minn din ir-relazzjoni debitament ikkonfermata bil-ġurament tal-Perit Mangion jirriżulta illi jistma li fis-sena 2018 l-art de quo kellha valur ta' €883,956.

Fil-fehma tal-perit tekniku maħtur minn din il-Qorti, il-valur fis-suq tar-raba' u tar-razzett huma hekk:

| Sena ta' stima | Valur tar-raba' | Valur tar-razzett | Total |
|---|---|---|---|
| 1983 | €30,400 | €10,700 | €41,100 |
| 1987 | €30,600 | €10,800 | €41,140 |
| 2018 | €623,000 | €211,000 | €834,000 |
| 2022 | €702,000 | €237,000 | €939,000 |

Vasta u paċifika hija l-ġurisprudenza li tiggwida lill-Qorti dwar il-kunsiderazzjonijiet li għandha tagħti lir-rapport tekniku. Ġie diversi drabi ribadit illi:

> "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*"[18]

Ai termini tal-Artikolu 681 tal-Kap 12 il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tekniku jekk dawn imorru kontra l-konvinzjonijiet tagħha. Madanakollu, il-Qorti ma tistax tiskarata dik ir-relazzjoni b'leġġerezza jew kapriċċ. Dan ifisser illi l-Qorti tista' tiskarta relazzjoni teknika unikament f'ċirkostanzi fejn tkun konvita li l-konklużijiet milħuqa mill-espert tagħha mhumiex ġusti u korretti[19]. Ingħad ukoll illi l-Qorti għandha

[18] Ara: **Joseph Calleja noe vs John Mifsud**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru 2001

[19] Ara: **Cauchi vs Mercieca**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Jannar 2000

tagħti affidament lir-rapport tal-perit minnha maħtur aktar u aktar meta l-parti nteressata ma tkunx talbet għan-nomina ta' periti addizzjonali[20].

Il-Qorti qieset illi l-perit tekniku wieġeb għad-domandi in eskussjoni li sarulu. Tqis illi jekk xi parti kellha xi riżervi dwar ir-relazzjoni teknika dejjem kien hemm id-dritt li tintalab il-ħatra ta' periti addizzjonali, ħaġa li ma ntalbitx. Peress illi ma tirriżultalha ebda raġuni għaliex tiskarta r-relazzjoni teknika, il-Qorti sejra tqis din bħala prova ta' fatt flimkien mal-bqija tal-provi in atti.

Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku fis-sena 2022 l-art kellha valur ta' €939,000 waqt illi fis-sena 1987 meta ttieħdet, l-art kellha valur fis-suq ta' €41,140.

Kif diġà ingħad, l-inerzja tar-rikorrenti li jintavola proċeduri ġudizzjarji sabiex jindirizza l-ilment tiegħu, ma jistax jgħaddi inosservat. Żgur illi kien jinkombi fuqu illi fid-dawl tal-passivita' tal-entita' governattiva li tattiva l-proċess t'esproprjazzjoni, jieħu hu l-passi kollha meħtieġa in salvagwardja tad-drittijiet tiegħu. Li jibgħat ittri legali u jirrinkorri persuni fil-poter ma kienx suffiċjenti u wisq anqas effettiv.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandhom jedd għal kumpens għal-leżjoni minnhom imġarrba. Għalhekk magħduda ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u abbażi tal-prinċipju li l-kumpens li tista' tagħti din il-Qorti kif adita mhuwiex ekwivalenti għal danni ċivili, l-Qorti sejra tillikwida kumpens fis-somma komplessiva ta' €600,000 rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji, liema somma għandha titħallas lir-rikorrenti mill-intimata Awtorita' tal-Artijiet.

## Decide

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[20] Ara: **Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**, Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat u waqt illi tiddikjara li mhumiex leġittimi kuntradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-istess intimati.

Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' għat-Trasport u tiddikjara li mhijiex leġittima kuntradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-istess intimata.

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar kif riflessa fit-tielet pagarafu, mhux numerat, tar-risposta tagħha għat-talbiet attriċi u waqt illi tiddikjara li l-imsemmija Awtorita' mhijiex leġittima kuntradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-istess intimata.

Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' tal-Artijiet.

Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament u tiddikjara illi t-teħid tal-art proprjeta' tar-rikorrenti mingħajr id-debitu kumpens jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Tilqa' wkoll it-tieni talba kif dedotta.

Tilqa' t-tielet talba u waqt illi tillikwida favur ir-rikorrenti kumpens fis-somma kumplessiva ta' sitt mitt elf Ewro (€600,000) rappreżetanti danni pekunjarji u non-pekunjarji, tordna lill-Awtorita' tal-Artijiet tħallas l-ammont hekk likwidat.

Tordna lir-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat tal-Istat u tal-kjamati in kawża l-Awtorita' għat-Trasport u l-Awtorita' tad-Djar.

Tordna lill-Awtorita' tal-Artijiet tħallas l-ispejjeż l-oħra kollha tal-kawża.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur